MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1192/2004

**Talba Nru: 1192/04PBC**

**Andre Delicata ( 24078(M) )**

**Vs**

**Diamond Global Company Limited ( C26813 )**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u disgha w erbghin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm1,049.49c) rapprezentanti prezz

ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata fuq talba tas-socjeta’ konvenuta stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf u disgha w erbghin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm1,049.49c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------